ħaħ u tkattar ġieħ u qima ta' fervur li qatt ma deher bħalu

Il-ktieb aktar fih tagħrif fuq l-iżvilupp spiritwali, milli fuq il-ħajja materjali ta' Bernardette u hu mżejjen b'ħafna tagħlim axxetiku. Fil-medda ta' ħajjitha dik it-tifla twajba u sinċiera ltaqgħet ma' ħafna tribulazzjonijiet u saħansitra fil-Kunvent fejn daħlet soru, sabet tfixkil u tbatija. Imma hi sofriet kollox blama qatt uriet l-iċken tgergir jew stmellija. **''Hija qatt ma qatgħet qalbha u bil-paċenzja kollha (għax kienet taf li għandha natura umana u mhux dik t'Anġlu) kienet tigbed ġid u profitt mhux biss mit-tribulazzjoni imma anki mill-imperfezzjonijiet tagħha. Hija akkwistat umilta' tal-għaġeb''.**

Ktieb bħal dan jiswa wisq għall-idejn iż-żgħażagħ; minnu jitgħallmu mhux biss igħixu ħajja tajba, imma wkoll kif igħixu fil-paċi ma' għajrhom u magħhom infushom. Kull familja li għandha t-tfal imissha takkwista kopja ta' dan il-ktieb għax ikun ta' feida u inissel paċi fid-dar.

Il-ktieb hu stampat tajjeb ħafna, fuq karta fina u mżejjen b'bosta stampi u msaħħaħ b'dokumenti.

. . .

## KUNSILL ĊENTRALI TAL-MALTI

Wara l-laqgħat preliminari bejn l-Għaqdiet ewlenin tal-Malti li jeżistu bħalissa fi gżiritna biex huma jistudjaw it-twaqqif ta' Kunsill Ċentrali tal-Malti, nieħdu gost ngħidu li dan il-Kunsill ġie issa uffiċjalment imwaqqaf u beda jagħmel il-laqgħat regulari tiegħu. Ix-xogħol tiegħu mhux se se jkun ħafif imma aħna nittamaw li bil-koperazzjoni ta' kulħadd il-ġid maħsub li jsir lill-Ilsien Malti mhux talli jseħħ talli jħalli frott kotran.

Sadattant, ir-rappreżentanti tal-5 Għaqdiet li jiffurmaw dawn il-Kunsilli huma dawn:

* AKKADEMJA TAL-MALTI: Kav. Profs. Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H.; Dr. Wallace Ph. Gulia LL.D., B.A., M.A.; Sur Pawlu Mifsud.

* GHAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITA'): Sur Pietru Pawl Portelli; Sur Mario Falzon.

* GHAQDA LETTERARJA MALTIJA: Sur John C. Friggieri; Sur George Stevens.

* GHAQDA KITTIEBA ŻGHAŻAGH: Sur Maurice A. De Gaetano; Sur Joseph Zammit Ciantar.

*MOVIMENT QAWMIEN LETTERARJU: Sur Mario F. Bezzina; Sur Lino Zahra.

Skond l-istatut il-President ta' l-Akkademja tal-Malti ikun ukoll il-President tal-Kunsill Ċentrali tal-Malti u minn barra d-delegati ta' l-Għaqdiet imsemmija, fil-Kunsill jidħlu wkoll il-Professur tal-Malti fl-Università Rjali ta' Malta (Profs. Ġużè Aquilina LL.D., B.A., Ph.D. (London), F.R.A.S.) u persunalitajiet oħra magħrufa bħala studjużi tal-Malti (li dalwaqt jiġu magħżula).

STATWA TA' NINU CREMONA IMWAQQFA F'GHAWDEX MILL-AMMIRATURI TIEGHU. CREMONA KIEN WIEHED MILL-FUNDATURI TA' L-AKKADEMJA TAL-MALTI U GHAL BOSTA SNIN VIĊI-PRESIDENT TAGHHA.

